# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2016**

**Numru:**

**Rikors Numru: 368/13 JPG**

**Vincent Edward Ciliberti fil-kwalità tieghu ta' sekwestratarju gudizzjarju tas-socjetà Resort Hotels Limited (C616)**

**v.**

**Finvest International Limited (C 4855)**

**PRELIMINARI**

Illi dan huwa appell ad istanza tal-konvenuta mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' April 2015, li permezz tieghu qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilqa' l-eccezzjonijiet taghha; ghall-ahjar intendiment dik is-sentenza qed tigi riprodotta;

> "**Il-Qorti,**
>
> "Rat ir-rikors guramentat ta' Vincent E. Ciliberti fil-kwalita' tieghu ta' sekwestratarju gudizzjarju tas-socjeta Resort Hotels Limited, tas-17 t' April 2013 li jaqra hekk:

*"Illi permezz ta' kuntratt ta' self in atti tan-Nutar Dr. Robert John Muscat tal-11 ta' Gunju 1996, Michael Farrugia sellef lis-socjeta' Resort Hotels Limited is-somma ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000);*

"*Illi mill-ledgers tas-socjeta' Resort Hotels Limited jirrizulta illi s-somma ta' Lm98,798.49 ghaddiet ghand is-socjeta' Finvest International Limited u dan fid-19 ta' Gunju 1996, ftit jiem wara l-publikazzjoni tal-kuntratt ta' self;*

"*Illi lill-esponenti u lill-awditur nominat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex jassisti lill-esponenti ma jirrizultalhomx illi din is-somma giet imhallsa lura lis-socjeta' Resort Hotels Limited;*

"*Illi lill-esponenti u lill-istess awditur jirrizultatlhom illi l-imghaxijiet fuq l-istess somma originarjament mislufa lir-Resort Hotels Limited sa mis-sena 1996 dejjem ha hsieb li jithallsu Mark Anthony Gatt, li huwa azzjonista u direttur tas-socjeta' Finvest International Limited salv ghal pagamenti dovuti ghax-xhur bejn Gunju u Dicembru 2007,li kien iz-zmien meta l-esponenti nnota li din is-somma mislufa lir-Resort Hotels Limited kienet effettivament ghaddiet ghand is-socjeta' Finvest International Limited, flimkien mal-hlas ta' imghaxijiet ghax-xhur ta'Novembru u Dicembru 2012,u dawk ta' Jannar, Frar u Marzu tas-sena 2013;*

"*Illi ghandu naturalment jirrizulta illi ghal dawn is-snin kollha Finvest International Limited gawdiet minn din is-somma u ghalhekk ghandha oltre s-somma nnifisha thallas lis-socjeta' Resort Hotels Limited imghaxijiet kummercjali fuq l-istess somma;*

"*Ghaldaqstant tghid is-socjeta' intimata ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex: :*

"*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija kreditrici tas-socjeta' Resort Hotels Limited fis-somma ta'€230,138.57 ekwivalenti ghas-somma ta' Lm98,798.49 jew dik is-somma verjuri li tirrizulta dovuta mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti;*

"*2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata Finvest International Limited thallas lis- socjeta' Resort Hotels Limited is-somma ta' €230,138.57 ekwivalenti ghas- somma ta' Lm98,798.49 jew dik is-somma verjuri li tirrizulta dovuta mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti;*

*"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghaxijiet kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni."*

"Rat li l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

"Rat ir-risposta guramentata ta' Finvest International Limited (C4855) tad-29 Lulju 2013 (a fol. 10 et seq.) taqra hekk:

"*1. Preliminarjament l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 (e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet Ta' Malta.*

"*2. Illi bla pregiudizzju ghas-suespost il-fatti esposti fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat mhumiex kontestati. Is-self minn Michael Farrugia lis-socjeta Resort Hotels Limited sar peress illi dina kienet tinstab f'diffikultajiet finanzjarji u kella bzonn 'Cash Injection' biex tkun tista issalda diversi debiti kif ukoll illi taghmel xi xoghol fil-lukanda "San Julien", San Giljan proprjeta taghha. Kellha taghti somma sostanzjali lill-Bank of Valletta u kieku s-somma lilha mislufa ghaddiet fil-kont bankarju taghha bla dubbju ta' xejn din kienet tigi maqbuda mill-bank. Effettivament is-somma mislufa ghaddiet fil- kont bankarju tas-socjeta City Securities Limited (C 9765). Qadt ma ghaddiet fit-kont bankarju tas-socjeta intimata izda din bhala l-azzjonista maggioritarja tas-socjeta Resort Hotels Limited amministrat is-somma mislufa biex tassikura illi tintuza ghall- iskopijiet illi sselfitha kif effettivament sar kif jigi pruvat ahjar fil-mori tar-rikors.*

"*3. Illi dak illi gie espost fil-paragrafu tnejn (2) gie rifless bl-aktar mod car u inekwivoku fl-audited accounts tas-socjeta Resort Hotels Limited tas-sena 2009 kopja ta' liema qeda tigi hawn annessa markata Dok'A', liema accounts gew redatti minn Vincent Bonello l-uditur nominat mill-Qorti u ffirmati mir-rikorrenti. A pagna 13 paragrafu sitta (6) "Debtors and other receivables", "Third Party Loans" tidher is-somma ta' €97,547 kompriza mis-somma ta' €93,537 self lil-Resort Hotels Holdings Limited risultanti mill-Ledger Sheet L 8 - kopja annessa markata Dokument'B'u self ta'€4,013 lill-Finvest International Limited risultanti mill-Ledger Sheet A 4 kopja annessa markata Dokument 'C'. Ghall ahjar istruzzjoni tal-Qorti jigi rilevat illi fid-29 ta'Marzu 1999 is-socjeta City Securities Limited giet amalgamata mas-socjeta intimata - Dokument 'D' -u kien ghalhekk illi jidher l-isem taghha u mhux ta' City Securities Limited. Mbaghad fil-pagna 14 tad-Dokument 'A' paragrafu ghaxra (10) "Borrowings Long Term" hemm ic-cifra ta' €230,139 indikata bhala "Loan from third party", is-somma li giet mislufa minn Michael Farrugia lis- socjeta Resort Hotels Limited per mezz tal-precitat kuntratt u li llum imhallsa fl-intier taghha.*

"*4. Illi in vista tas-suespost l-allegazzjoni illi s-socjeta intimata gawdiet mis-somma gia' mislufa lill-Resort Hotels Limited hi ghall- kollox inveridika.*

"*Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti."*

"Rat in-nota t'eccezzjonijiet ulterjuri ta' Finvest International Limited tas-6 ta' Frar 2014 (a fol. 101) fis-sens li :

"1) Illi r-rikors guramentat promotur huwa null u minghajr effett stante li Vincent Edward Ciliberti jonqsu l- interess guridiku sabiex jipproponi u jissokta l-istess kawza ;

"2) Illi inoltre r-rikors guramentat promotur huwa null stante l-istess rikors guramentat ma giex prezentat u mahluf minn xi wiehed mill-persuni imsemmija fl-artikolu 181A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew minn xi persuna appozitament awtorizzat ghal dak il-ghan minn Qorti kompetenti;

"3) Illi inoltre r-rikors guramentat promotur huwa null stante li l-prezentata tar-rikors guramentat ma kienx awtorizzat mill-persuni vestiti mir-rapprezentanza guridika u legali tas-socjeta' attrici;

"4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri

"Rat ir-risposta tas-Sekwestratarju Gudizzjarju Vincent Edward Ciliberti tat-12 ta' Marzu 2014 (a fol 114 et seq) li eccepexxa illi :

"1) Illi huwa ma kien jenhtieg l-ebda awtorizazzjoni specifika sabiex jintavola dawn il-proceduri, kif ser jirrizulta;

"2) Illi l-istharrig li ghamlet s-socjeta' konvenuta kienet minima u, tista' tisgwida lil din l- Qorti, u dan , kif ser jirrizulta;

"3) Illi kif jirrizulta mid-dokumenti annessi f' dawn l-atti, il-hatra u l-poteri ta' l-esponenti nghataw kif isegwi :

"a. illi b'' digriet tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Mejju 1997, l-avukat Dr. Godwin Muscat Azzopardi giet mahtur bhala sekwestratrju gudizzjarju;

"b. illi b'digriet iehor tal-5 ta' Frar 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddegretat illi:

*"... huwa ghandu iqis li huwa awtorizzat li jagixxi fit-termini tal-paragrafi immarkati wiehed (1) u tnejn (2) tar-rikors tieghu ... "*

*u dan b'referenza ghas-segwenti talba kontenuta fir-rikors tas-sekwestratarju gudizzjarju tas-7 ta' Awissu 1998 :*

*"1. Jekk huwa huwiex awtorizzat li jagixxi bil poteri kollha tad-diretturi u in sostituzzjoni tal-istess, dejjem fl-interess tas-salvagwardja tad-drittijiet marbutin mal- azzjonijiet tas- socjeta'"*

"c. Illi b' digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-20 ta'Dicembru 2005, r-rikorrenti gie mahtur bhala sekwestratrju gudizzjarju in sostituzzjoni tal-Avukat Dr. Gowin Muscat Azzopardi

"4) Illi ghalhekk il-kontenut tat-tielet paragrafu tar-rikors ta' Finvest International Limited ma ghandu l-ebda rilevanza odjerni, stante illi ai termini tad-digrieti s-sekwestarju gudizzjarji gie awtorizzat jagixxi bil- il-Kumpanniji sabiex jirraprezenta lis- socjeta' Resort Hotels Limited fl-interess tas-salvagwadrja tad-drittijitet marbutin mal-azzjonjiet tas-socejta'.

"5) Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellu l-awtorizzazzjoni mehtiega biex jahlef r-rikors guramentat kif jirrikejdi l-Artikolu 181A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhu wkoll jirrizulta li kien l-uniku persuna vestit bir-rapprezentanza legali u ghalhekk bis-setghat li jharrek fi proceduri bhal dawn.

"6) Illi ghal dak li jirrigwarda l-paragrafu 6 tar-rikors tas-socjeta' Finvent International Limited, dan irid jigi pprovat mis-socjeta' intimat u r-rikorrenti ghad ghandu l-interess guridiku biex jissokta l-kawza.

L-interess guridiku fil-mertu huwa ta' Resort Hotels Limited fil-kwalita ta' kreditrici ta' Finvest International Limited filwaqt li Vincent Ciliberti nomine jirraprezenta lis-socjeta' li talvolta ghandha tali interess guridiku.

"7) Illi l-kontenut tal-paragrafu numru 7, mahluf bil-gurament ta' Mark Gatt, huwa inveritier,kif jidher mis-segwenti dokumenti :

"a. Ittra tal-20 ta' Lulju 2010 [Dok. VECI) li fiha jinghad illi d-diretturi ta' Hotel Services Limited kienu svestiti mill-kontroll tas-socjeta' Hotel Services Limited sa mill-gurnata tan-nomina ta' sekwestratarju gudizzjarju.

"b. Nota ta' Philip Gatt (Dok. VEC2) fl-atti tal-kawza bin-numru Bank of Valletta plc v. Resort Hotels Limited fejn jinghad illi huwa ma ghandu l-ebda rappresentanza guridika tas-socjeta' Resort Hotels Limited.

"c. Ittra tal-10 ta' Settembru 2009 (Dok. VEC3) li permezz taghha Philip O. Gatt jistqarr illi il-kumpanniji Resort Hotels Limited u Resort Hotels Holdings Limited kienu amministrati minn sekwestratarju gudizzjarju, li d-diretturi kienu tnezzghu minn kull

kontroll u inhareg mandat ta' inibizzjoni sabiex izomm lill-istess milli jezercitaw kwalunkwe funzjoni amministrattiva.

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema kontestwalment mal-atti tal-kawza 855/2013 fl-istess ismijiet – vide digriet tas-16 t’Ottubru 2013 a fol. 40 tal-imsemmija atti;

“Rat l-atti u d–dokumenti kollha ezebiti fil-kawza;

“Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

“**Ikkonsidrat:**

“Mark Gatt (a fol. 44 et seq) ikkonferma bil-gurament ir-risposta li huwa ta fil-proceduri 368/2013 u cioe’ minn fejn jirrizulta illi s-self minn Michael Farrugia lis-socjeta’ Resort Limited sar in vista ta’ diffikultajiet finanzjarji tal-istess socjeta’( – Vide Dok. A a fol. 65 u Dok. B a fol. 66) li kienet tehtieg a *cash injection* sabiex tkun tista’ ssalda diversi debiti. Gatt xhed illi l-lukanda kellha taghti somom sostanzjali lil Bank of Valletta u li kieku s-somma mislufa minn Farrugia ghaddiet fil-kont bankarju tal-kumpanija, ovvjament kienet tinqabad mill-bank. Is-somma mislufa ghaddiet fil-kont tas-socjeta’ City Securities Limited – Vide Dok. C a fol. 67, u qatt m’ghaddiet fil-kont bankarju ta’ Finvest International Limited, izda din bhala azzjonista maggoritarja ta’ Resort Hotels Limited amministrat is-somma mislufa sabiex din tintuza ghall-iskopijiet intizi.

“Dan jirrizulta b’mod ampju mill-*accounts* redattti minn Vincent Bonello. Jirrizulta ukoll mill-konteggi maghmulin mill-awditur Brimmer – Vide Dok. A fol. 13 u 27 tal-atti 368/2013 fejn hemm indikati t-*third party loans*.

“Mill-affidavit t’Eric Brimmer *accountant* tas-socjeta’ Resort Hotels Limited (proprjetarja tal-Hotel San Julian f’San Giljan), jirrizulta li fil-11 ta’ Gunju 1996 Michael Farrugia sellef lil Resort Hotels Limited (RHL) is-somma ta’ Lm98,798.49 ekwivalenti ghal €230,139 u dana sabiex RHL thallas varji debiti u taghmel tiswijiet mehtiega fil-lukanda msemmija sabiex tottempora ruhha mal-kundizzjonijiet tal-licenzja tal-MTA. Brimmer ikkonferma li s-somma mislufa ma gietx depozitata fl-akkont bankarju ta’ RHL, izda f’ta City Securities Limited, u dana minhabba sekwestri bankarji. Brimmer ikkonferma li s-somma mislufa minn Farrugia illum giet mhallsa konsegwenti ghal bejgh tal-lukanda San Julian minn RHL.

“Philip Gatt a fol. 48, ikkonferma x-xhieda ta’ Brimmer. Ikonferma il-*loan* ta’ Michael Farrugia lil RHL, u li din giet riflessa fl-*audited accounts* ta’ RHL, tas-sena 2009.

“Illi l-ammont misluf huwa mhallas mis-sekwestratarju Vincent Ciliberti fl-intier tieghu skond kuntratt datat 26 ta’ Marzu 2013 atti Nutar Andre

Farrugia u ebda talba gudizzjarja ma giet intavolata qabel ma nhareg is-sekwestru 479/2013. Gatt ikkonferma illi Finvest International Limited qatt ma ghamlet uzu mill-flus mislufa lil RHL ghal skopijiet taghha.

“Fl-affidavit tieghu a fol. 50, Mark Gatt ikkonferma x-xhieda tieghu moghtija quddiem din il-Qorti u ghamel referenza ghal *Annual Report* and *Financial Statements*/ 2009 cioe’ Dok. A tal-atti 368/2013 b’mod partikoli ghal pagna 27 tal-istess atti, paragrafu numerat sitta, fejn hemm indikat *third party loan* fis-somma ta’ €97,547.

“Gatt informa lil Qorti illi fid-29 ta’ Marzu 1999 Cities Securities Limited (CSL) **amalgamat** ma s-societa Finvest International Limited (FIL)– Vide Dok. D a fol. 37 fl-atti 368/2013; illi fl-*audited accounts* Dok. A a fol. 28 para. 10 fl-atti 368/2013 tidher ic-cifra ta’ €230,139 indikata bhala *loan from third party* is-somma mislufa ta’ Michael Farrugia imhallsa fl-intier taghha skond il-kuntratt 26/3/13 atti tan-Nutar Andre Farrugia Dok. MG – Vide fol. 52 ta’ dawn l-atti. Gatt ikkonferma illi s-socjeta’ FIL qatt ma ghamlet uzu mill-flus mislufa lil RHL.

“Di piu’ ebda att gudizzjarju ghal-hlas tas-somma mitluba ma giet intavolata hmistax –il gurnata qabel il-hrug tal-mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju.

“Gew ezebiti l-*Memorandum and Articles of Association* ta’ CSL – Vide Dok. Q a fol. 108 et seq. ta’ FIL – Vide Dok. QX1 a fol. 152 et seq; u l-amalgamazzjoni taz-zewg kumpaniji- Vide Dok. QX2 sa 4 a fol. 192 sa 194. Gie ezebit ukoll l-kontro-mandat 858/2009 milqugh 7 ta’ Gunju 2009.

“Janet Lepre a fol. 199 ikkonfermat cheque tal-Lombard Bank numru 355 f’ammont ta’ €163, 056.14 Dok. L1 a fol. 201 mahrug favur Finvest International Limited.

“Mark Gatt in kontro ezami (a fol. 202) xhed illi fil-2006 s-sitwazzjoni ta’ RHL mal-Bank of Valletta kienet mwergha- kif jidher minn anness Dok. A a fol. 65. Gatt xhed illi Dok C kien document bankarju li juri *bank transfer* ta’ Lm98,000 lil CSL minn Chase Manhatten Bank, Mid Med Bank fid-19 ta’ Gunju 1996.

“Gatt xhed illi s-somma dovuta ta’ Lm98,000 bdiet tigi redotta konsistentiment sakemm kien baqa biss 4,000 – vide fol. 35/36 tal-atti 368/2013. Il-*ledgers* gew preparati mill-*auditer* Eric Brimmer (a fol. 204)

“Minn dan l-ammont ta’ Lm98,000, RHL kellha thallas pagamenti lil BOV, pagamenti ghal *refurbishment*, hlas ta’ kontijiet tad-dawl u ilma. Il-*ledgers* ta’ Brimmer juru dana kollhu. Gatt ikkonferma li BOV kien ghamel pressjoni fuq RHL biex thallas d-dejn lilu dovut u din kienet r-raguni ghas-self miksub minn Michael Farrugia – Vide fol. 205.

“Raymond Aquilina, *Head of Litigation Section, - Recoveries Department* tal-BOV xhed illi r-relazzjoni bankarja ma RHL ilha ghal

sitta u erbghin sena (46) fejn facilitajiet bankarji inghataw minn Scicluna's Bank u Tagliaferro Bank u sussegwentement minn BOV. In vista ta' problemi finanzjarji f'1990, l-*overdrafts* inqalbu f'*loans* u l-Hotel inbieghet lil terzi. Gie nominat sekwestratarju gudizzjarju biex jamministra, u cioe Dr. Godwin Muscat Azzopardi u sussegwentement Vincent Ciliberti.

"Gatt ezebixxa Dok. BX(fol. 218) li juru d-depoziti li saru ghas-saldu tal-ammont dovut. Id-depoziti waqfu fi Frar 2008 u kien hemm li bdew il-problemi.

"Raymond Aquilina xhed illi fis-7 ta' Lulju 2005 il-bilanc dovut kien Lm30,000 (*overdrafts* saru *loans reducing only*). Aquilina xhed li kieku dahal pagament ta' Lm100,000 f'dawk iz-zminijiet, ghalkemm ma kienx hemm sekwestri, dawn il-flus kienu jkunu jistghu jingibdu biss bi ftehim mal-bank.

"Vincent Bonello a fol. 219 *Accountant* u *Auditer* ta' RHL nominat mill-Qorti u muri d-Dok. C a fol. 36 tal-atti 368/2013, ikkonferma li dan kien parti minn *general ledger* tas-socjeta' li juri li ammont misfluf ghadda minn l-akkont ta' CSL lil Finvest. Bonello xhed illi l-flus avvanzati jidhru rekordjati fil-kotba ta' RHL izda marru f'*account* ta' Finvest dirett (a fol. 220) u ezebixxa VB 1 u VB a fol. 223 tal-atti 368/2013.

"Vincent Edward Ciliberti a fol 46 et seq f'affidavit tieghu xhed illi kien gie mahtur bhala sekwestatarju sudizzjarju ta' diversi socjetajiet inkluz RHL minn 9 ta'Jannar 2006 in sostituzzjoni ta' stralcjarju precedenti ta' Dr. Godwin Muscat Azzopardi .

"Kien iltaqa ma Dr Muscat Azzopardi li kien informah verbalment bil-qaghda ta' RHL – Vide para (i) sa (x) fol 46/47 tal-atti 368/2013)

"Vincent Ciliberti xhed illi ma inghata ebda dokument jew korrispondenza. Illi ghalhekk kien talab lil Qorti tal-Appell sabiex jinhatar *accountant*. Gie nominat Donald Said li sussegwentement gie sostwit bl-*accountant* Vincent Bonello.

"Illi fil-laqgha mal-HSBC Bank Malta Plc tal-11 ta'Dicembru 2006,li ghalija kien prezenti ukoll Mark Gatt, Ciliberti skopra li apparti d-dejn mal-bank, Mark Gatt kien ssellef Lm100,000 minn ghand certu Michael Farrugia.

"Minn aktar indagni Ciliberti skopra illi fil-6 ta'Gunju 1996 b'att pubbliku fl-atti tan- Nutar Robert Muscat sehh s-self indikat – Vide Dok, VEC 1 a fol. 52 tal-atti 368/2013.

"Ciliberti xhed illi fl-1 ta' Gunju 2007 huwa kien hallas l-ewwel pagament lil Michael Farrugia.

"Ghalhekk Ciliberti fetah kont kurrenti fit-22 ta' Mejju 2007, wara li sab li s-socjetajiet li kien jamministra kellhom biss loan u overdraft accounts u

dan sabiex ikun f'qaghda li jhallas il-pagament dovuti – u cioe' lil Enemalta, MTA, Kummissarju Taxxi Interni u c-cnus.

"Ciliberti f'para 10 a fol. 49 jaghti dettalji tad-dhul fjakk tas-socjetajiet u ha hsieb jintavola mandati u proceduri sabiex lukanda tkun f'qaghda li tinbiegh.

"Fil-24 ta' Jannar 2008 saret pressjoni mill-Bank of Valletta sabiex kull dhul jghaddi lill-istess bank u mhux lil Michael Farrugia.

"Fil-4 ta' Frar 2008 mill-*ledger* mghoddija minn Brimmer lil Vincent Bonello, jirrizulta li l-maggior parti ta' Lm100,000 self ta' Michael Farrugia ghaddiet ghas-socjeta' FIL. Ghalhekk Ciliberti ddecieda li ma jibqghax jhallas lil Farrugia.

"Gatt wera d-disaprovazzjoni tieghu dwar dan u ssugerixxa diversi metodi li bih Ciliberti "seta" jhallas lil Farrugia jew li Gatt jhallas lil Farrugia imbghad jigi rimbursat minn Ciliberti ghall-insaputa ta' BOV. Ciliberti rrifjuta li jaghmel dan.

"Ciliberti xhed illi apparti dana kollu, kien hemm dizgwid serju bejn Mark Gatt u missieru Philip Gatt u d-direttur l-iehor tas-socjetajiet, cioe' Adrian Busietta, tant illi n-negozju kien isir tramite l-avukati difensuri taghhom.

"Illi ghar-rigward ta x'sar minn Lm100,000 mislufa, Ciliberti afferma li dan jista' jinghad mill-*accountant* mahtur u cioe Vincent Bonello .

"Eric Brimmer in kontro ezami a fol. 88 et seq. xhed illi Finvest International Limited kienet il-*parent company* tas-socjetajiet inkluz City Securities Limited u Hotel Services Limited. Illi s-self ta' Lm100,000 minghand Michael Farrugia dahal fil-kont bankarju ta' City Services izda riedu jigu rifless fl-*accounts* ta' FIL. Mistoqsi jekk fi RSL kienx hemm *shareholders* oltre minn Mark Gatt u missieru Philip Gatt, Brimmer xhed li kien hemm terzi.

"Brimmer xhed illi l-flus kollha tas-self kienu jghaddu tramite Hotel Services Limited ghal bzonnijiet ta' RHL, tant hu hekk li sa 2009, Hotel Services Limited sussidjarja ta' FIL kellha tiehu €400,000 – Vide fol. 92 u 93.

"Permezz ta' nota tal-20 ta' Frar 2014 gie ezebit d-digriet tal-Imhallef Dr. F. Camilleri – vide fol. 103/4 li permezz tieghu hatar lil Dr Godwin Muscat Azzopardi bhala sekwestratarju gudizzjarju fid-9 ta' Mejju 1997 a fol. 103 u 104.

"Illi in segwitu tal-hatra tieghu Dr. Godwin Muscat Azzopardi talab ghal precizjoni tad-doveri tieghu, u l-Imhallef Camilleri laqa l-ewwel u t-tieni talba ta' Dr. Muscat Azzopardi waqt li ddefinixxa t-tielet talba tieghu rigward l-onorarju tieghu, u l-ispejjez inkorsi.

"Ghaldaqstant dik il-Qorti laqghet it-talba u kkonfermat li s-sekwestratarju gudizzjarju kien ***"awtorizzat li jagixxi bil-poteri kollha tad-Diretturi u in sostituzzjoni tal-istess, dejjem fl-interess tas-salvagwardja tad-drittijiet marbutin mal-azzjonijiet tas-socjeta';"*** u kien ***"awtorizzat li jingagga persuni u jutilizza mezzi idonei ghal-gestjoni tal-istess lukanda..."*** Vide digriet a fol. 108 li jaghmel referenza ghat-talbiet numru wiehed u tnejn tar-rikors ta' Dr. Muscat Azzopardi li jidhru a fol. 106 tal-atti 855/2013.

"In kontro ezami Vincent Ciliberti a fol.135 et seq. ikkonferma d-digrieti tal-hatra ta sekwestratarju gudizzarju precedenti cioe' Dr. Godwin Muscat Azzopardi u l-hatra tieghu in sostituzzjoni ta' Dr. Muscat Azzopardi. Huwa ikkonferma li qabel ma ntavola il-kawza huwa ma laqqghax il-Bord u ma gie moghti ebda rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi li awtorizzatu biex jipprocedi bil-kawza odjerna,u dana 'l ghaliex *"kelli l-poteri tad-Diretturi"*moghtija lilu mill-Qrati kemm skond id-digriet tal-Imhallef F. Camilleri u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell.

"**Ikkonsidrat**

"Mill-fatti fuq indikati jirrizulta b'mod abbastanza car u inekwivoku illi Vincent Ciliberti fil-kwalita' tieghu ta' sekwestratarju gudizzjarju kien inghata setghat ampjissimi biex jagixxi ***"bil-poteri kollha tad- Diretturi u insostituzzjoni tal-istess"***dejjem fl-interess tas-salvagwardja tad-drittijiet tas-socjeta' rilevanti.

"Isegwi ghaldaqstant illi b'dawn il-poteri ampjissimi lilu moghtija minn Qorti kompetenti qua sekwestratarju gudizzjarju, huwa kellu is-setgha li jintavola l-proceduri kollha necessarji sabiex jipprotegi d-drittijiet u l-interessi tas-socjetajiet fdati f'idejh. Infatti Ciliberti, qua sekwestratarju gudizzjarju, kien gia intavola u inizja diversi proceduri legali sabiex jigbor il-fondi dovuti lis-socjetajiet rilevati u ghamel diversi hlasijiet dovuti, **u ebda oppozizzjoni mid-Diretturi tas-socjetajiet ma giet registrata meta l-fondi kienu qeghdin jingabru mill-istess sekwestratarju b'rezultat tal-proceduri legali minnu inizjati.**

"Illi din il-Qorti ghal kull buon fini ghamlet indagni ulterjuri ghal kuncett li fid-dottrina Ingliza gie zviluppat u cioe' ***the Doctrine of Ostensible Authority****.* Fis-sentenza **"Freeman & Lockyer vs Buckhurst Park Properties (Magal) Ltd" (CA 1964) [1964] 2 QB 480 [1964] 2 WLR 618 [1964] 1 All ER 630** dik id-dottrina kienet spjegata bil- mod segwenti –

> "***'An apparent or ostensible authority is a legal relationship between the principal and the contractor created by a representation made by the principal to the contractor intended to be and in fact acted upon by the contractor, that the agent has authority to enter on behalf of the principal into a contract of a kind within the scope of the 'apparent' authority, so as to render the principal liable to perform any obligations imposed upon him by such a contract.'***

"Fis-sentenza **"Hely-Hutchinson vs Brayhead Ltd" (CA 1967) [1968] 1 QB 549 [1967] 3 WLR 1408 [1967] 3 All ER 98** gie ritenut li –

> "***'... authority may be implied from the conduct of the parties and the circumstances of the case'.***

"Din il-Qorti ma tistax ma tavzax pero' li kif inghad fis-sentenza **"Howard vs Patent Ivory Manufacturing Co" (ChD 1888) 38 ChD 156, 57 LJ Ch 878, 58 LT 395, 36 WR 801**, **id-dottrina tal**-'***implied or apparent authority'*** **ma tapplikax** '***when the outsider knows of the irregularity or lack of actual authority or where there are suspicious circumstances putting the outsider on inquiry'.***

"Illi fil-kaz in ezami s-sekwestratarju gudizzjarju, fil-fehma ta' din il-Qorti, inghata minn Qorti kompetenti, l-poteri kollha tad-Diretturi kollha tas-socjetajiet fdati f'idejh. Dan ifisser li kellu il-*judicial representation* ta dawn is-socjetajiet, u kien l-uniku persuna li kellu s-setgha jinizja proceduri legali sal-finalita' taghhom ghas-salvagwardja tal-interessi tas-socjetajiet rilevanti. Anki fin-nuqqas ta' tali poteri ampji moghtija mill-Qorti kompetenti, s-sekwestratarju gudizzjarju kien ikun kopert bl-applikabilita' **tad-dottrina tal**-'***implied or apparent authority'*** li giet imhaddna minn dawn il-Qrati fis-sentenza **Maggur Victor Aloysius Tonna et vs Emanuel Grech proprio et nomine et** deciza fis-**16 ta' Jannar 2015.** Minn dan isegwi illi Vincent Ciliberti mhux biss kellu l-interess guridiku necessarju sabiex jipproponi l-kawza, izda kellu d-**dover** li jaghmel dan. Illi di piu Dok. DM1 a fol. 232 u 233 tal-atti 855/2013 titkellem fuq adezjoni tal-partijiet kollha interessati ghal dak li jirrigwarda bejgh tal-assi.

"Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' Finvest International Limited.

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-tieni eccezzjoni u taghmel referenza ghall- Artikolu 181A (2) tal-Kapitolu 12:

> "***181A(2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.***"

"Jirrizulta ampjament illi gialadarba s-sekwestratarju gudizzjarju inghata l-poteri kollha tad-Diretturi tas-socjetajiet rilevanti, huwa kellu r-raprezentanza guridika ta' dawn is-socjetajiet u kien il-persuna mghonija bis-setgha ai termini tal-Artikolu 181A tal-Kapitolu 12 biex jintavola l-proceduri legali u jahlef l-iskritturi u d-dikjarazzjonijiet rilevanti ghas-salvagwardja tal-interessi tal-istess socjetajiet.

> "Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni ulterjuri.
>
> "Ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni ulterjuri u cioe' illi r-rikorrenti Ciliberti ***"ma kienx awtorizzat mill-persuni vestiti mir-raprezentanza guridika u legali tas-socjeta' attrici,"***din l-eccezzjoni hija pjenament marbuta u ssegwi minn l-ewwel zewg eccezzjonijiet ulterjuri. Il-Qorti waqt illi taghmel acenn ghal dak fuq affermat, tqis illi Vincent Ciliberti fil-kwalita' tieghu ta' sekwestratarju gudizzjarju u moghti l-poteri kollha tad-Diretturi u awtorizzat jagixxi in sostituzzjoni taghhom, ma kien jehtieg ebda awtorizzazzjoni ulterjuri ta' xi Direttur iehor tas-socjetajiet rilevanti, ma kien jehtieg ebda rezoluzzjoni esplicita tal-bord tad-diretturi ghaliex is-setgha moghtija mill-Qorti diversament preseduta, in effett kellha il-konsegwenza li tinvest il-poteri kollha tal-bord tad-diretturi fis-sekwetratarju gudizzjarju.
>
> "Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet ulterjuri ta' Finvest International Limited, bl-ispejjez kontra Finvest International Limited."

Kif jidher allura b'din is-sentenza l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta u konsegwentement ordnat it-tkomplija tal-kawza;

Il-Qorti ghalhekk rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu l-appell thalla ghas-sentenza ghat-30 ta' Settembru 2016 wara d-debita trattazzjoni mill-Avukati rispettivi;

**Ikkonsidrat:**

**AGGRAVJI**

L-aggravji principali mressqa mill-attur nomine appellanti jistghu jingabru f'wiehed – dak li l-attur fil-kwalità tieghu ta' sekwestratarju gudizzjarju ma ghandux is-setgha li jistitwixxi din il-kawza. Il-partijiet jaqblu – u din il-Qorti

taqbel magħhom – li sfortunatament il-ligi tagħna hija pjuttost skarna fir-rigward tad-dispozizzjonijiet li jirregolaw dan l-istitut. Fil-fatt l-artikoli tal-Kap. 12 illi jirregolawh huma dawn:

> "***851**. (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, tordna, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jew ex officio, is-sekwestru ġudizzjarju.*
>
> "*(2) Għal dan is-sekwestru mhix meħtieġa d-dikjarazzjoni bil-ġurament msemmija fl-artikolu 831(2).*
>
> "*(3) Is-sekwestru li jkun ġie hekk ordnat jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix imħassar mill-qorti.*
>
> "*(4) B'dan is-sekwestru l-qorti tista' tordna li l-oġġett li dwaru jkun hemm il-kawża, jiġi ddepożitat jew ikkunsinnat għand terza persuna illi tobbliga ruħha li trodd l-oġġett, wara t-tmiem tal-kawża jew fiż-żmien mogħti mill-qorti, lil dak li lilu l-qorti tordna li l-oġġett għandu jintradd.*
>
> "***852**. Is-sekwestru msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jista' jiġi ordnat ukoll fuq immobbli, meta l-kwistjoni tkun fuq il-pussess jew fuq il-proprjetà tal-immobbli jew meta jkun meħtieġ sabiex jitqiegħdu fiż-żgur jew jitħarsu l-jeddijiet ta' min jista' jkollu interess.*
>
> "***853.** (1) Is-sekwestratarju jiġi magħżul jew bil-kunsens tal-partijiet interessati, inkella mill-qorti ex officio.*
>
> "*(2) Is-sekwestratarju hu suġġett għall-istess obbligi bħad-depożitarju.*
>
> "***854**. Is-sekwestratrarju maħtur taħt l-artikolu 851 għandu jedd għal dak il-ħlas li l-qorti fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha li lilu jmiss.*
>
> "Tajjeb li f'dan l-istadju l-Qorti telenka d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 li jirregolaw l-obligu tad-depożitarju;
>
> "***1899**. Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu.*
>
> "*...*
>
> "***1902.** Id-depożitarju ma jistax jinqeda bil-ħaġa ddepożitata, mingħajr il-kunsens, espress jew preżunt, tad-depożitant.*
>
> "*...*
>
> "***1904**. (1) Id-depożitarju għandu jrodd dik il-ħaġa stess li jkun irċieva, fl-istat li din tkun tinsab fiż-żmien tar-radd.*"

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Mary Hall v. Emmanuel Xuereb**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 1946, il-Qorti nnotat illi d-depozitarju, anki b'titolu gratuwit, ghandu juza fil-kustodja tal-haga l-istess diligenza li juza fil-kustodja ta' hwejgu. In konferma ta' dak stabbilit mill-Kodici Civili, hija qalet ukoll li d-depozitarju ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu fl-istess stat li kienet giet konsenjata lilu. Konsegwentement id-depozitarju li jonqos minn dawn l-obbligi huwa responsabbli ghad-danni lejn id-depozitant. Illi r-responsabbiltà ta' depozitarju hija dik ta' *bonus paterfamilias* u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni. Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet **Maria Camilleri v. Duminku Attard** (P.A. (JSP) 2 ta' April 1992.) inghad illi:- *"Huwa provdut fil-ligi li min jircievi d-depozitu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depozitata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg tieghu… Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depozitarju kellu juza d-diligenza ta' 'buon padre di famiglia'* **Pietro Contini v. Giorgio Zammit (Vol. XXIX. P I. 1422)**". "*Id-depozitarju huwa obbligat juza, fil-kustodja tal-oggetti depozitati ghandu, l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu, u huwa obbligat irodd dawk l-oggetti biss lil min ikun iddepozitahom ghandu jew lill-persuna illi f'isimha jkun sar id-depozitu jew lil min ikun inkarigat biex jircevihom; id-depozitarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depozitata jew lil min ikun iddepozitaha"* **(Vol. XXIX. P I. 1244)**. (ara wkoll **Reginald Micallef et nomine v. Godwin Abela et nomine** – A.K. 16 ta' Marzu 1992).

Stabbilit dan, il-Qorti allura se tezamina x'inhu d-dmir tal-attur nomine fil-kwalità tieghu premessa f'din il-vertenza u biex taghmel dan, necessarjament trid tezamina x'kienu c-cirkostanzi li wasslu ghan-nomina tieghu.

Fil-kawza **Busietta nomine v. Gatt nomine**, deciza finalment minn din il-Qorti diversament komposta fit-30 ta' Mejju 2008, l-attur gie nominat sekwestratarju gudizzjarju fl-2005 in sostituzzjoni tal-Avukat Godwin Muscat Azzopardi li kien gie nominat precedentement fil-mori tal-kawza. Fuq talba tal-istess Dr. Muscat Azzopardi il-Prim'Awla kienet iddikjarat li huwa kellu l-awtorizzazzjoni li jagixxi "bil-poteri kollha ta' direttur u in sostituzzjoni tal-istess, dejjem fl-interess tas-salvagwardja mad-drittijiet tal-azzjonijiet tas-socjetà". Din il-kawza kienet giet istitwita mill-attur nomine biex jigi dikjarat null kuntratt ta' trasferiment ta' azzjonijiet tas-socjetà Resort Hotels Holidays Limited liema talba giet milqugha mill-ewwel Qorti; is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-data appena msemmija. Is-sentenza ordnat ukoll li l-azzjonijiet in kwistjoni jigu ritornati lill-attur nomine permezz ta' kuntratt li kellu jkun ippublikat entro tletin gurnata mid-data tas-sentenza.

Huwa evidenti ghalhekk li n-nomina tas-sekwestratarju gudizzjarju f'din il-kawza saret biex jigi accertat li l-azzjonijiet in kwistjoni jigu salvagwardati sakemm tigi deciza l-kawza; is-sekwestratarju jigi nominat infatti jekk "*il-*

*gudikant ikollu biza' fondat li jekk l-oggett jibqa' jintuza minn wahda mill-partijiet jista' eventwalment jiddanneggja ruhu*" (**Rikors tal-Farmacista Nicola Spiteri,** Qorti tal-Appell, 28 ta' Marzu 1947). Is-sekwestru gudizzjarju isir <u>fuq l-oggetti jew immobbli li dwarhom hemm il-kawza</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti) - (**Liberata Spiteri v. Carmelo Spiteri**, Qorti tal-Appell, 2 ta' Gunju 1952). Ghalhekk fil-kaz in ezami, in-nomina saret ghar-rigward tal-<u>azzjonijiet</u> fis-socjetà msemmija; u kien f'dak l-ambitu li s-sekwestratarju kellu s-setghat li tatu l-Qorti permezz tad-digriet imsemmi. Una volta l-azzjonijiet gew ritornati lill-attur nomine kif iddecidiet il-Qorti, l-inkarigu tal-appellat gie fi tmiemu.

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-appellant li s-setghat tal-appellat fil-kwalità tieghu msemmija intemmu malli giet ezegwita s-sentenza li fiha gie nominat. Minn hemm 'il quddiem l-obligu li jiehu hsieb l-interessi tas-socjetà in kwistjoni jaqa' fuq min ghandu jew kellu dak l-obbligu skont l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). Il-Qorti jidrilha wkoll li jekk l-attur jigi ikkonsidrat li ghandu s-setgha li qed jirreklama li ghandu f'din il-kawza, ikun ifisser li jigu skartati l-provvedimenti ta' dak l-Att, li huwa definittivament il-ligi specjali illi tirregola s-socjetajiet kummercjali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari tas-socjetà konvenuta appellanti u tilliberaha mill-

osservanza tal-gudizzju; in vista tan-novità tal-materja in kwistjoni, l-ispejjez kollha tal-kawza u cioe` tal-Ewwel Istanza u dawk tal-appell ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df